



IL-QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Opinjoni Nru 8/2015

dwar proposta għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-
Regolament (UE) Nru 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar
ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond
Ewropew għall-Iżvilupp

(skont l-Artikolu 287(4), TFUE)

IL-QORTI TAL-AWDITURI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 287(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat il-Ftehim Intern bejn ir-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar l-iffinanzjar tal-għajnuna tal-Unjoni Ewropea taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali għall-perjodu mill-2014 sal-2020, skont il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE, u dwar l-allokazzjoni ta' assistenza finanzjarja għall-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej li għalihom tapplika r-Raba' Parti tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2) tiegħu ,

Wara li kkunsidrat il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 2015/323 tat-2 ta' Marzu 2015 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp²,

Wara li kkunsidrat it-talba tal-Kunsill għal opinjoni dwar il-proposta msemmija hawn fuq, riċevuta mill-Qorti tal-Awdituri fit-3 ta' Novembru 2015,

ADOTTAT L-OPINJONI LI ĠEJJA:

1. Il-proposta għal Regolament tal-Kunsill, li dwarha hija mitluba l-opinjoni tal-Qorti tal-Awdituri, għandha l-għan li tiċċara li l-kontijiet speċjali miftuħin mill-Istati Membri f'isem il-Kummissjoni, sabiex fihom jiġu ddepożitati l-kontribuzzjonijiet tal-FEŻ, għandhom jinżammu mingħajr imposti u mgħax, sakemm ikun hemm il-ħtieġa li jintużaw għal pagamenti.
2. Il-Qorti tal-Awdituri ma għandha l-ebda osservazzjoni x'tagħmel dwar il-proposta.

¹ ĠU L 210, 6.8.2013, p. 1.

² COM(2015) 463 final.

Din l-Opinjoni ġiet adottata mill-Awla III, immexxija mis-Sur Karel PINXTEN, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Diċembru 2015.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Vítor Manuel da SILVA CALDEIRA

President